# Il-Festi fil-Passat

Kitba ta' Roderick Busuttil

(b'żidiet dwar Ċelebrazzjonijiet Interni u Mużika Sagra minn Noel Ciantar)

Il-festi fl-ibliet u l-irħula Maltin ilhom isiru minn ħafna żmien ilu. Ma hawn l-ebda informazzjoni jew ħjiel eżatt meta saret l-ewwel festa ta' xi belt jew raħal f'Malta. Insibu li meta ġew il-Kavalieri kienu diġà jsiru dawn il-festi. Iżda jidher illi l-kavallieri kkontribwew ħafna għall-festa Maltija kif nafuha illum, kemm bħala tiżjin, kif ukoll biex daħlu diversi modi kif jiġu ċċelebrati l-festi.

Qabel ma nidħlu għal xi tifsiriet dwar l-festa Maltija, wieħed irid jgħid li l-Maltin iħobbu jiċċelebraw kull ħin u kull mument ta' ħajjithom, mhux fil-festi biss. Il-poplu Malti, bħal popli oħra Mediterranji, iħobb jiddeverti. Kultant saħansitra jara kif kważi juża kull skuża biex jiċċelebra, ngħidu aħna anki meta jsiru avvenimenti sportivi u anki dawk politiċi.

Imma l-festi tal-passat kienu ferm differenti minn dawk tal-lum. La kien hemm baned, la kien hemm logħob tan-nar, la kien hemm tiżjin bħal ma nafuħ illum, u elf ħaġa oħra differenti.

**Devozzjonijiet**

Illum ħafna jaraw il-festa bħala dik esterna biss, bil-briju u l-piki tal-marċi u l-logħob tan-nar biss, iżda qabel kienet tingħata prijorità assoluta għall-parti spiritwali u liturġika għax l-affarjiet l-oħrajn ma kienux għadhom żvilluppaw daqs kemm huma llum. Il-Maltin kienu dejjem jgħixu fil-ġabra tad-devozzjoni saħansitra matul l-jiem tal-ġimgħa kollha.

Hawn naraw li l-jiem tal-ġimgħa kienu mqabblin mal-qaddisin u d-devozzjonijiet. Dawn id-drawwiet ivarjaw minn raħal għall-ieħor u jiddependu mill-qaddisin protetturi tagħhom.

It-Tnejn (tal-Erwieħ) – Iċ-ċimiterji kienu jiftħu kollha, u dari kienu joħorġu jiġbru għall-quddies tal-erwieħ f'dan il-jum. Min joħroġ kien ikollu tifel miegħu

iċempel il-qanpiena biex in-nies ikunu jafu, u jlestu xi ħabba jew tnejn jew xi frott, bajd u oġġetti oħra li jistgħu jinbiegħu. Kien hemm ukoll il-ħanżira tal-erwieħ. Xi ħadd kien jitlaq xi ħanżira fit-toroq bħala donazzjoni lill-kapillan jew xi frattelanza. In-nies kienu jagħtuha tiekol u meta tikber kienet tinbiegħ biex il-flus imorru għall-quddies tal-erwieħ, l-aktar f'Novembru.

It-Tlieta – Kienu siru t-Tlitiet ta' Sant'Anna meta tasal il-festa, u d-devoti tagħha kienu jixgħelu x-xemgħa tagħha. Kienu jsiru ukoll ħmistax-il Tlieta qabel il-festa ta' San Duminku, bi preparazzjoni qabel il-festa.

L-Erbgħa – Il-Karmelitani u t-Tereżjani jagħmlu seba' Erbgħat udejenza tal-Karmnu u wkoll qabel il-Penetkoste, li kienu jirrappreżentaw s-seba' Duluri tal-Madonna. Fejn issir il-festa ta' San Ġużepp kienu jsiru s-seba' Erbgħat. Kienu jsiru wkoll disgħa Erbgħat ta' San Gejtanu, ħmistax-il Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu, u l-Birgu għaxar Erbgħat ta' San Lawrenz.

Il-Ħamis (ta' Korpus) - Jissejjaħ hekk għall-Aħħar Ċena meta twaqqaf s-Sagrament tal-Ewkaristija, f'Ħamis x-Xirka fejn kienu jindaqqu l-qniepen. Kienu jgħidulu ukoll tal-Ispirtu s-Santu jew ta' Santa Rita.

Il-Ġimgħa (tal-Passjoni u l-Qalb ta' Ġesù) – Fil-paroċċi kollha kienu jindaqqu qniepen malankoniċi fit-tlieta ta' wara nofs n-nhar. Kien hemm min bejn nofs n-nhar u t-tlieta kull nhar ta' Ġimgħa ma kienux jixorbu ilma bhala devozzjoni. Fl-ewwel ġimgħa tax-xahar kienu jsiru devozzjonijiet għall-Qalb ta' Ġesù.

Is-Sibt (tal-Madonna) – Qabel, għall-festi tal-Madonna bħal tal-Bambina, tal-Kunċizzjoni, tar-Rużarju u oħrajn kienu jsiru ħmistax-il Sibt ta' devozzjoni. Xi wħud kienu jieħdu t-trabi u jippreżentawhom fis-Santwarji Marjani. Kienu jgħidu li s-Sibt dejjem toħroġ ix-xemx mqar għal ftit minuti, "għax il-Madonna tkun trid tonxor il-ħwejjeġ tal-Bambin", u ħafna kienu jħallu l-ħasla għas-Sibt.

Il-Ħadd (ta' Alla waħdu "jew ta' ħadd għax il-festa ta' kullħadd") - L-għan ewlieni tal-Ħadd kien jum ta' mistrieħ, devozzjoni u mhux ta' xogħol.

**Il-Purċissjoni**

Ħa nibdew l-ewwel bl-aktar ħaġa mpoortanti mill-attivitajiet ta' barra, il-purċisjoni, għax wara kollox, il-festi ma jiġux primarjament għall-baned, logħob tan-nar, mixgħela, u armar imma biex ifakkruna u jġieħeluna nqimu liturġikament u b'devozzjoni lil xi qaddis jew okkażjoni. Il-purċissjoni kif nafuha illum kienet parti mill-quddiesa dak iż-żmien. L-attivitajiet l-oħrajn kollha ġew wara, ftit ftit, imma komplimentari għall-purċisjoni u l-quddiesa.

Fl-ewwel żminijiet li bdew isiru quddisiet u ċerimonji fil-festi f'Malta ma kien hawn xejn ħlief il-funzjonijiet liturġiċi, bil-quddies, tqarbin u l-priedka. Imma l-introjtu tal-quddies kien isir għamla ta' purċissjoni interna fil-knisja stess mill-kongregazzjoni preżenti. Ta' min ifakkar li l-knejjes tal-antik kienu aktar kappelli li naraw fil-kampanja. Il-knejjes kbar kollha ġew wara u ħadu post oħrajn. Il-kongregazzjoni kienet ċkejkna għax l-ibliet u rħula Maltin kollha kellhom popolazzjoni żgħira.

Meta l-popolazzjoni bdiet tikber dawn il-knejjes bdew isiru żgħar. Il-purċissjonijiet bdew joħorġu barra fuq iz-zuntier u jerġgħu jidħlu ġewwa fil-knisja, għax ma kienx ikun hemm aktar sapazju biżżejjed biex tgħaddi l-purċissjoni fil-knisja. Aktar tard meta l-popolazzjoni bdiet dejjem tikber il-purċissjonijiet bdew jgħaddu minn xi toroq. Minħabba li l-purċissjoni bdiet tgħaddi mit-toroq qalb id-djar, bdew jinxtegħlu msiebaħ jew fjakkli fit-twieqi u fuq il-bjut tal-knisja u d-djar, u b'hekk beda jipparteċipa anki il-poplu ġenerali li kien joqgħod viċin il-knejjes parrokjali.

Meta bdew jiżdiedu l-attivitajiet fuq barra, il-purċissjonijiet baqaw il-qofol tal-festi kollha u kienu jsiru kollha filgħodu. Għall-ewwel il-purċissjonijiet kienu joħroġu mill-knisja f'xi l-għaxra ta' filgħodu wara l-quddiesa, u jidħlu f'xi l-ħdax. Iżda meta l-purċissjoni nqatet kompletament mill-funzjoni tal-quddiesa u saret funzjoni oħra għaliha, il-purċissjonijiet bdew joħorġu f'xi t-tmienja ta' filgħodu, u wara li jduru mat-toroq prinċipali tal-belt jew raħal, f'xi l-għaxra kienu jidħlu lura fil-knisja biex wara, f'xi l-għaxra u nofs, issir il-quddiesa kantata, bħal ma għadu jsir f'Birkirkara.

Maż-żmien dan inbidel peress li beda jinħass vojt kbir fil-ġurnata tal-festa filgħaxija. Kienet biss il-purċissjoni tal-festa ta' Birkirkara li baqgħet issir filgħodu. Din il-festa baqgħet iżżomm it-tradizzjonijiet antiki.

Wieħed irid isemmi ukoll illi l-festi qabel kienu jsiru fil- ġurnata liturġika tal-qaddis jew qaddisa, u mhux kif isir llum li ħafna mill festi jsiru l-Ħadd ta' wara. Iżda hemm xi festi li għadhom jiġu ċċelebrati fil-ġurnata tagħhom, anki meta din taħbat fost l-ġimgħa. Fost dawn hemm dik ta' San Lawrenz tal-Birgu fl-10 ta' Awissu, tas-Salvatur f' Ħal-Lija fis-6 t'Awissu, tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla, fit-8 ta' Diċmbru, il-Bambina fit-8 ta' Settembru fl-Isla, n-Naxxar, l-Mellieħa u x-Xagħra, Għawdex, u dik ta' San Pawl Appostlu, fl-10 ta' Frar fil-Belt Valletta.

Hemm festi illi l-ġurnata liturġika tal-qaddis taħbat fix-xhur tax-xitwa, u għalhekk dawn ġew trasferiti għal istaġun tas-sajf. Ezempju ta' dan hu dak li jiġri f'Ħal Qormi fejn il-ġurnata liturġika ta' San Ġorġ Martri hi 23 t'April iżda l-festa ġiet trasferita għall-aħħar Ħadd ta' Ġunju. Hemm ukoll dik ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ, fejn l-festa ssir fit-tielet Ħadd ta' Ġunju minflok fit-12 ta' Mejju, il-ġurnata liturġika tiegħu.

**Il-Fratellanzi**

Bħalma għidna qabel fl-antik kien hawn ħafna devozzjoni. Kullħadd kien imur il-quddies filgħodu u jitlob xi talba matul il-jum u jrodd is-salib qabel jibda u meta jispiċċa xi ħaġa, kemm jekk ikun bidu ta' xogħol barra, jew xogħol fid-dar. Kienu jsiru ħafna talb lill-qaddisin padruni tal-paroċċi taħhom.

L-irġiel kienu kważi kollha f'xi għaqda reliġjuża jew fratellanza. Dak iż-żmien kien hawn ħafna fratellanzi bħal dik tas-Santissmu Sagrament, tar-Rużarju, ta' San Ġużepp, ta' San Pawl, tal-Kurċifiss, ta' Sant' Andrija, tal-Karita, ta' Santu Rokku u San Bastjan, tal-Karmnu u oħrajn. Dawn kollha kienu jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet tat-festi titulari tal-bliet u rħula tagħna. Dawn kienu jżidu mal-ħafna lwien u kuluri, peress li kull fratellanza kien ikollha l-kuluri tagħha, bħal per eżempju tas-Sagrament – aħmar, ta' Santu Rokku u San Bastjan – aħdar, ta' San Ġużepp – blu, tal-Madonna – fuq iċ-ċelesti, u tar-Rużarju – abjad.

Waqt il-purċissjonijiet dawn il-fratellelanzi kien jimxu wara l-istandard tagħhom li kien ikun akkumpanjat minn żewġ lanterni. Kull Fratellanza jilbsu skont il-kulur tal-istandard taħhom. Din l-użanza għadha teżisti sal-ġurnata tal-lum.

Il-Fratellanza ta' San Ġużepp tal- Birgu hija waħda fost l-eqdem f'Malta u diġà nsibuhom jeżistu fl-1103. Dik tas-Sagrament bdiet fl-1575 meta kienu qed isiru sforzi mill-knisja Maltija biex ikun hemm aktar devozzjoni lejn is-Sagrament. Kważi f'kull parroċċa kienet imwaqqfa din il-fratellanza, u din il-fratellanza kienet dejjem tmexxi il-purċisjonijiet kollha tal-festi titulari.

Ħafna minn dawn il-fratellanzi illum spiċċaw jew naqsulhom il-membri jew fratelli drastikament, u xi wħud mill-istandardi li naraw jerfgħuhom nies imħallsin apposta. Iżda għad hemm għadd sabiħ ta' fratellanzi li addattaw ix-xogħol tagħhom għaż-żminijiet tal-llum u għalhekk għadhom b'saħħithom, attivi u jidhru numerużi fil-purċissjonijiet.

**Il-Vara**

Illum imdorrijin illi fil-knejjes tagħna naraw ħafna statwi, xi wħud minnhom gawhar tal-arti. Iżda dari, il-vari ma kienux biss statwi. Il-kelma vara fiha nnifisha tfisser dik l-ħaġa, tkun xi tkun, li tinġarr bħala ċentru ta' devozzjoni ewlieni tal-mument. Din setgħet tkun ikona, relikwija jew xi tpingija fuq l-injam, xbieha mqasqsa fuq l-injam, kalċi jew ostensorju.

Fis-seklu sbatax ġieli kienu jġorru aktar minn oġġett wieħed bħala vara, bħalma nsibu sebgħa jew tmien oġġetti fis-seklu sbatax mill-frattelanza tal-Kunċizzjoni tal-Belt.

L-ewwel vari għamla ta' statwa kienu jikkonsistu fir-ras, idejn u saqajn tal-injam, kompozzizzjoni jew karatpesta, li kienu jinżammu merfugħin ħalli meta tasal l-festa iwaħħluhom ma' korp tat-tiben ppakkjat biċ-ċraret u jlibbsuhom ilbies għall-okkazzjoni.

Ftit ftit, bdew deħlin statwi tal-injam lejn is-seklu tmintax. Fis-seklu dsatax bdiet dieħla l-arti plastika jew kartapesta. L-istatwi tal-kartapesta kienu orħos biex isiru, u aktar ħfief biex jinġarru. Dawn saru ħafna popolari u nxterdu ma' kullimkien. Ta' min isemmi l-istatwarju popolari Karlu Darmanin li għandi diversi statwi tal-kartapesta bħal dik ta' San Gejtanu tal-Ħamrun u tas-Salvatur ta' Ħal Lija kif ukoll ħafna statwi oħra li jintużaw fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.

**Festi Sekondarji**

F'diversi bliet u rħula Maltin insibu festi sekondarji li jiġu ċċelebrati apparti l-festa prinċipali jew titulari. It-twaqqif ta' dawn l-festi sekondarji jew "partiti" kif kultant jissejħu, jafu l-bidu tagħhom fin-nofs tas-seklu dsatax bejn l-1850 u l-1900.

Ġieli kien jitqanqal xi tilwim bejn in-nies li kellhom x'jaqsmu mal-festi titulari u oħrajn interessati f'xi qaddis ieħor, li kienu jkunu mseħbin f'xi frattellanzi ddedikati lil dak il-qaddis. F'dak iż-żmien ħabat li kibret id-devozzjoni lejn il-Madonna wara d-dehra tagħha f'Lourdes fl-1858 u l-ħrug tad-Domma tal-Immakulata Kuncizzjoni fl-1854, kif ukoll lejn San Ġużepp li kien iddikjarat Patrun tal-Knisja Kattolika fl-1870. Fejn ma kienx hemm paroċċa, twaqqfu titulari għal xi wieħed minn dawn t-tnejn, iżda fejn diġà kien hemm xi titular, twaqqfu partiti li jorġanizzaw festi sekondarji ddedikati għall-Madonna taħt diversi titli, ngħidu aħna Immakulata Kunċizzjoni, tad-Duttrina jew tal-Ġilju jew għal San Ġużepp. Komunitajiet reliġjużi ukoll daħħlu d-devozzjonijiet tagħhom bħalma ngħidu aħna lejn San Duminku u lejn il-Madonna tal-Karmnu.

Dan kollu wassal għal diversi piki bejn l-festa titulari u l-festa sekondarja li ssir fl-istess lokalita, u ġieli nqala' saħansitra ġlied bejn ż-żewġ partiti rivali. Ħafna drabi dawn imma ġew kontrollati mill-membri tal-kleru ta' dawn l-lokalitajiet biex ma jkomplux joħolqu firda. Fil-fatt xi ftit minn dawn l-festi sekondarji spiċċaw, għalkemm hemm minnhom li baqgħu jiġu ċċelebrati sal-llum, kważi b'iktar pompa mill-festa titulari f'xi nħawi.

**Mid-Daqqaqa sal-Baned tal-llum**

Qabel ma bdew il-baned f'Malta fil-festi tal-ibliet u rħula tagħna, kienu jeżistu grupp żgħir ta' daqqaqa jew dawk li jdoqqu, li kienu joħorġu jdoqqu fil-festi jew f'xi okkażjonijiet oħra ta' ferħ, b'mużika ferrieħa. Dawn ġeneralment kienu jkunu fi gruppi ta' erba' jew ħames persuni.

L-istrumenti li kienu jużaw dawn id-daqqaqa kienu jkunu aktar sempliċi minn dawk tal-llum, u ġeneralment kienu jkunu magħmulin minn min kien idoqqhom stess

għaldekk ġieli tqabbad xi ħadd min kien jaf jaħdimhom biex jagħmilhom. Mhux biss, imma dawn l-istrumenti kienu jsiru minn materjal li kienu jsibu madwarhom. Għalhekk iż-żaqq u t-tanbur kienu jsiru mill-ġilda tal-annimali, qasab u spag, u diversi strumenti oħra, fosthom il-fifra jew il-flawt li kienu jsiru mill-qasab. Iż-żafżafa jew rabbaba ("friction drum") kienet tkun għamla ta' qasrija li wkoll kienet issir bil-ġlud u bil-qasab.

Dawn id-daqqaqa kienu joqgħodu jduru mat-toroq prinċipali tar-raħal, idoqqu u jferrħu lin-nies bil-mużika ferriħija taħhom. Wieħed mid-daqqaqa kien joqgħod jiġbor xi ħaġa tal-flus ukoll.

Għalkemm id-daqqaqa ma kienux jiffurmaw baned kif nafuhom illum, in-nies ta' dak iż-żmien xorta kienu jirreferu għalihom bħala "banda", għax din il-kelma, imnissla mit-Taljan, kienet sempliċiment tfisser biss "grupp".

Sal-1777, il-purċissjoni kienet tkun akkumpanjata bi vjolinċell u xi vjolini li kienu jiġu mikrija għal-okkazjoni. Imma mhux dejjem kien ikun il-każ għax per eżempju insibu li f'Birkirkara fil-festa ta' Sant' Elena tal-1738 filgħodu kien hemm żewġ tamburlini u żumarra li qagħdu jdoqqu quddiem il-knisja.

Imma fis-seklu dsatax, il-Maltin assoċjati mas-Servizzi bdew jitgħallmu jdoqqu l-istrumenti tal-baned militari. Fl-istess żmien bdew jiftħu każini soċjali, fejn kienu jiltaqgħu l-irġiel tal-ibliet u rħula, iżda dawn ma kienux każini tal-baned. Iżda uħud minn dawn l-każini soċjali, inbidlu f' każini tal-banda li bdew jipparteċipaw u jagħtu iktar ħajja lill-festi esterni.

L-ewwel baned bdew jitwaqqfu fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, bil-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, li twaqqfet fl-1851, tkun meqjusa li hi l-aktar waħda antika fil-gżejjer tagħna. Fis-seklu għoxrin l-baned ma marrux lura, anzi, tista' tgħid li kollha żdiedu u kibru. Xi każini daħlu f'piki u tilwim interni li qasmuhom f'iktar minn banda waħda f' xi bliet u rħula, bħalma ġara bil-festi sekondarji li semmejna aktar 'il fuq. Għalhekk dawn, b'mod naturali u loġiku, bdew jappoġġjaw festi sekondarji, li xi wħud minnhom saru jiġu ċċelebrati daqs dawk titulari. Sfortunatament fejn hemm iktar minn każin tal-banda wieħed, hemm tendenza li jista' jinqala xi dizgwid bejniethom. Għalkemm il-kompetizzjoni hija ġeneralment meqjusa bħala ħaġa pożittiva għax taf

tgħin biex jissaħħu dawn l-baned, kultant dawn jispiċċaw f'piki esaġerati li jwasslu għall-ġlied, l-iktar fil-marċijiet ta' filgħodu fejn jisħnu l-irjus bil-qilla tax-xemx u bl-għajnuna ta xi ftit xorb żejjed ukoll. Iżda il-pika, għall-kuntraju tal-konmpetizzjoni, taf tisfratta l-ispirtu vera tal-festa.

Fil-każini ssib mekka ta' kultura fejn bosta partitarji akkaniti iżejnu dawn l-każin b'għamara antika rikka, arkivji mużikali mill-isbaħ flimkien ma' rħamijiet u statwi imprezzabbli. L-għan ewlieni ta' dawn l-każini tal-baned hu li tinżera kultura mużikali fit-tfal biex dawn jitgħallmu l-istrumenti mużikali. L-iktar li jkunu attivi fil-ġranet tal-festa fejn jagħmlu diversi marċijiet u kunċerti *ad unur* l-qaddis jew qaddisa tagħhom.

## **<u>Il-Programm fuq il-Planċier</u>**

Barra l-marċ brijjuż ta' filgħodu, l-baned jorganizzaw serata aktar formali fuq il-planċier fil-pjazza ewlenija tar-raħal. Din is-serata, il-bandisti jsibuha bħala l-"Programm" sabiex jifirduha mill-attività l-oħra tal-"Marċ" fejn il-banda ddoqq waqt li timxi mat-toroq tar-raħal. Il-Programm hu ħaġa formali. Fl-antik, fis-snin tat-tnissil tal-ewwel baned f'Malta sa madwar il-bidu tas-seklu għoxrin, il-bandisti kienu jkunu lebsin uniformi sħiħa fuq stil militari u l-bandisti kont tistħajjilhom qishom kollha xi kaptani navali, speċjalment dawk li l-uniformi tagħhom kienet tkun bajda. Illum dawn l-uniformijiet spiċċaw għajr għall-beritta bl-arma tal-każin u forsi anke xi ngravata pariġġ fuq qmis bajda. Il-Programm ġeneralment isir xi ġurnata jew tnejn qabel jum il-festa u jinkludi fih siltiet għall-banda aktar impennjattivi minn marċi brijjużi.

Ħafna baned għandhom il-planċier tagħhom li fih innifsu ħafna drabi jkun ukoll opra tal-artiġġant Malti li titgħaxxqek tħares lejha. Uħud minn dawn imorru lura għal bidu tas-seklu għoxrin u qabel. Il-planċier huwa dak il-palk temporanju li jintrama' fil-pjazza biex il-banda tkun tista' ddoqq fuqu. Barra l-post għall-banda il-planċier ikollu wkoll post fejn joqgħod il-kor u leġijju ddekorat u mdawwal għas-Surmast. Ħafna planċieri jkollhom skultura elaborata ta' njam fin kif ukoll disinji tal-ferrobattuto biex iżejnuhom u biex iservu ta' lqugħ għall-badndisti iżda mingħajr ma dawn jitgħattew mill-pubbliku. Ma jonqsux ukoll il-postijiet biex jitpoġġew l-istandardi tal-banda kif ukoll l-arma tagħha li bi prominenza u kburija turi l-identità tal-każin. Il-planċier ġeneralment ikun imdawwar bi globi tad-dawl sabiex il-bandisti jkunu jistgħu jaraw il-mużika. Ġieli wkoll jiżżejjen b'xi pavaljuni żgħar jew bil-liedna bil-kulur tal-banda.

F'ritratti antiki ġieli kont tara strumenti tar-ram li llum m'għadhomx jeżistu bħalma kienet il-kontradanċa (Ophicleide). Ġieli kont tara wkoll xi strumenti orkestrali bħalma huwa l-kuntrabaxx jew xi fagott. Illum dawn inqatgħu mill-baned u l-baned issa qed jużaw biss strumenti tal-banda li tista' tużahom ukoll waqt il-Marċ. L-unika strumenti li llum għadhom jintużaw biss fuq il-planċier u li m'humiex addattati għall-Marċ huma l-qniepen tal-banda (Tubular Bells) u t-timpani. Tajjeb ukoll li nsemmu li fl-antik l-istrumenti kienu ntunati ftit differenti (A=436) mill-lum (A=440) u għalhekk strumenti ta' bejn wieħed u ieħor qabel il-gwerra ma jistgħux jindaqqu fil-banda tal-lum. Dan kien ifisser li maż-żmien il-baned kellhom jibdlu l-istrumentazzjoni tagħhom. Uħud minn dawn l-istrumenti obsoliti llum qed jinżammu b'għożża fil-każini iżda oħrajn jew intremew, jew insterqu jew inbiegħu għar-ram.

Qabel ukoll, il-Programm kien jikkonsisti f'mużika operistika arranġata għall-baned. Kien hawn għadd ta' Surmastrijiet li kienu jispeċċjalizzaw f'dawn l-arranġamenti u kienu jiktbu għadd ta' Fantasiji bbażati fuq l-isbaħ biċċiet tal-opra partikolari li jkunu qed jittrattaw. L-arkivji tal-każini tal-baned tagħna fihom minjiera ta' mużika arranġata fuq dan l-istil u li issa qajla għadha tinħareġ biex tindaqq, forsi għax diffiċli wisq biex tindaqq bi ftit provi fil-ħajja mgħaġġla tal-lum jew inkella għax il-moda tagħha għaddiet u nies trid ħaġ'oħra. Iżda għal ħafna minn nies dan kien ikun l-uniku mezz kif jiffamiljarizzaw ruħhom mal-opri għaliex biljett għat-Teatru Rjal kien xi ħaġa li mhux kullħadd kien jista' jħallas għalieħ. Illum il-ġurnata il-popolarità tal-opri naqset fost il-poplu u l-Programm dejjem qed jinkludi aktar u aktar arranġamenti ta' mużika moderna bħalma hija mużika minn films, mużika popolari u tal-mument u mużika klassika ħafifa bħalma huma valzi u xi polka, iżda xejn tqil u kkumplikat bħall-opri.

Il-Programm għadu sal-lum jinkludi dak li jissejjaħ "*Inno di Gloria*". Dan l-Inno di Gloria jkun innu miktub għall-banda, vuċijiet solisti u l-kor u jkun jitratta dwar il-ħajja tal-patrun tal-parroċċa li għalih tkun qegħda ssir il-festa. Kien ikun miktub fuq stil operistiku tal-"*bel canto*" u ġieli kien ikollhom kliem bit-Taljan. Fl-antik, kienu jġibu Surmastrijiet Taljani biex imexxu 'l baned u għad għandna għadd ta' innijiet ta' dan it-tip li jindaqqu regolarment fil-pjazzez tagħna kull sena fil-ġranet tal-festa. Dawn l-innijiet kienu jkunu elaborati, iddekorati b'fanfarri, bdil fil-kjavi, dwetti u terzetti kkontrapuntati, armonija u orkestrazzjoni rikka kif ukoll b'arji melodjużi għat-tenur, sopran, baritonu u baxx akkumpanjati mill-kor. Imbagħad dawn kollha jingħaqdu flimkien għall-egħluq aħħari tax-xogħol. Il-Programm ġeneralment kien

jispiċċa bl-Innu Popolari tal-qaddis jew qaddisa u bl-Innu Marċ tal-banda. Ma kienx jonqos l-applawż qawwi fl-aħħar ta' dawk li jkunu qed jisimgħu kif ukoll it-tbissima ta' sodisfazzjon fuq ix-xuftejn ta' kull min ikun ħa sehem, speċjalment fuq ix-xuftejn tal-Kumitat tal-Banda.

**Tiżjin fil-Knisja**

Il-festa hija primarjament ċelebrazzjoni reliġjuża u liturġika. Għalhekk il-knisja nnifisha tkun armata biex tintwera fl-aqwa tagħha. Anke ċ-ċelebrazzjonijiet isiru aktar b'pompa u sollennità.

Il-knisja tkun imżejna bid-damask, fidded u dehbijiet li jkollha. Il-ħitan jinksew b'damask fin, ġeneralment ta' lewn aħmar, għall-okkażjoni. Jinħarġu l-aqwa għodda taċ-ċerimonja bħalma huma kalċijiet, ostensorji, pissidi, gandlieri, lampieri, ċensier, karti tal-glorja, impulluzzi, il-qanpiena u ħwejjeġ simili għall-okkażjoni, li ġeneralment ikunu jew tad-deheb jew tal-fidda. Xi parroċċi fejn għandhom tusell fuq-l-altar maġġur ġieli jibdluh b'ieħor aktar elaborat u sabiħ għal żmien il-festa.

F'xi knejjes jinbidel ukoll il-ventartal li jintuża kuljum u jitpoġġa ieħor floku li jkun jew tal-fidda jew indurat bid-deheb. Kultant jinħarġu wkoll xi sett vari żgħar tal-Appostli li jkunu wkoll jew tal-fidda jew indurati bil-fiida jew deheb sabiex jitqiegħdu fuq l-altar maġġur. Isir ukoll tiżjin tal-altari b'bukketti tal-ganutell li ħafna drabi jkunu f'bozza tal-ħġieġ sabiex tipproteġihom mit-trab. Naturalment ma jonqsux il-fjuri friski fuq l-altar maġġur kif ukoll madwar il-vara titulari, tant li ħafna drabi tiġi tidher qisha qiegħda f'baħar ta' fjuri ta' kull xorta.

Il-paramenti sagri li jintużaw fil-festa wkoll jinħarġu għall-okkażjoni u ġeneralment ikunu magħmulin minn damask fin irrakmat b'ħajt tad-deheb. Ħafna drabi l-parroċċa jkollha sett ta' aramenti sagri ppareġġjati sabiex il-konċelebranti jkun mlibbsin l-istess għajr il-prim ċelebrant li jkun imlibbes fuq l-istess skala iżda b'ilbies ftit aktar elaborat u rikk biex jiddistingwieħ mill-oħrajn.

Il-vara titulari wkoll tkun imżejna bid-dehbijiet li jkunu tawha matul is-snin il-fidili. Dawn jistgħu jinkludu ċrieket, kuruni, kurini tar-Rużarju, xi ċintorin, xi qorq jew ħwejjeġ oħra. Dan kollu jfisser ukoll uġieħ ta' ras għal min ikun irid jorganizza s-sigurtà fil-knisja matul il-jiem tal-festa.

**<u>It-Tridu u l-Għosrien</u>**

Il-festi liturġiċi ġeneralment jibdew bil-ħruġ tal-vara xi ġimgħa qabel jum il-festa. Minn tlett ijiem qabel jibda t-tridu tal-festa, iżda l-qofol taċ-ċerimonji liturġiċi iseħħu lejliet il-festa fiċ-ċerimonja tat-Translazzjoni u l-Primi Vespri (l-ewwel Għasar), imbagħad f'jum il-festa, bil-Quddiesa Solenni kantata u fl-aħħar filgħaxija nhar jum il-festa bis-Secondi Vespri (it-tieni Għasar).

Il-Vespri (l-Għosrien) huma forma ta' talb li twaqqaf fis-Seklu Sitta WK. Fir-rit Latin il-Vespri jibdew bil-kant tad-*Deus, in adiutorium meum intende*. Imbagħad jitkanta innu u wara xi Salmi, minn tnejn sa ħamsa, mit-Testment il-Qadim u xi Kantiku mit-Testment il-Ġdid. Imbagħad isir xi qari mill-Bibbja u Responsorju qasir. Wara jitkana l-Magnificat, isir xi talb ieħor (il-preċi u l-*oratio*) u mbagħad jitkanta xi innu Marjan ieħor bħas-Salve Reġina. Il-Vespri imbagħad jagħlqu bil-Barka Sagramentali.

Matul dawn il-ġranet, kemm fil-Vespri kif ukoll fil-Quddiesa Solenni ma jonqosx ukoll li titkana l-Antifona tal-Qaddis jew Qaddisa. L-Antifona hija frażi qasira jew sentenza li titkanta bħala responsorju u l-frażi ġeneralment ikun xi biċċa Salm li jservi bħala responsorju qabel jew wara xi Salm ieħor. Il-kliem magħżul għall-Antifona jkun addattat u ta' relevanza għall-Qaddis jew Qaddisa li għalihom tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa. Għalkemm il-frażi ġeneralment tkun qasira, din tkun immużikata bil-pompa kollha li jistħoqqilha u tittawwal billi l-kliem jiġi rrepetut kemm il-darba.

**<u>Il-Quddiesa Solenni</u>**

Il-Quddiesa Solenni ġeneralment titqaddes konċelebrata mill-Kappillan jew Arċipriet imdawwar bil-kleru tal-parroċċa sakemm ma jkunx mistieden xi dinjitarju ogħla li jmexxi ċ-ċelebrazzjoni hu.

Il-quddiesa tkun waħda kantata b'mużika miktuba apposta għall-ġurnata tal-festa. Jitkantaw il-Kyrie, il-Gloria, il-Credo, is-Sanctus u l-Agnus Dei. Ma' dawn kienu jiżdiedu l-Introjtu u l-Offertorju kif ukoll xi innu għal waqt it-Tqarbin, ġeneralment miktubin apposta wkoll. Illum, minħabba esiġenzi liturġiċi, il-Credo mhux dejjem għadu jitkanta u ħafna drabi jingħad mal-kongregazzjoni. L-antifona tal-qaddis

ħafna drabi titkanta wkoll, jew bħala responsorju għall-versett ta' qabel l-Evanġelu jew fl-aħħar tal-quddiesa.

Il-Quddiesa Solenni hija wkoll karatterizzata bil-Paniġierku, li hija priedka kemxejn twila li teżalta l-valuri Nsara tal-Qaddis jew Qaddisa sabiex jitpoġġew bħala mudell għall-fidili tar-raħal. Il-paniġierku ġeneralment issir minn predikatur ta' esperjenza, imqabbad apposta u li jkun magħruf għar-retorika u għad-don tal-kelma tiegħu. Jitqies predikatur tajjeb aktar kemm ikun jaf id-dettalji tal-ħajja tal-qaddis u jkun jaf jużahom bħala eżempji biex jillustra l-priedka tiegħu. Naturalment, aktar ma jkun kapaċi jentużjażma l-kongregazzjoni bit-tonalità u l-eżempji li jġib, aktar aħjar.

**Mużika fil-Knisja**

Il-mużika dejjem sabet postha fiċ-ċelebrazzjonijiet, inklużi dawk li jsiru fil-knisja. Il-Papa Gregorju I, fis-sitt seklu, kien l-ewwel li ta gwida ta' kif għandha ssir il-mużika fil-liturġija. Aktar qribna, fl-1903, il-Papa Piju X ħareġ il-"Motu Propio" dwar kif trid issir il-mużika fil-liturġija fi żmienna.

L-aqwa tal-mużka Maltija tal-knejjes ċertament kienet fis-snin tas-Seklu Dsatax u l-ewwel nofs tas-Seklu Għoxrin. Il-Kappelli ta' għadd ta' Surmastrijiet (*Maestro di Cappella*) għanew ir-repertorju tal-Mużika Sagra Maltija b'Quddies, Antifoni, Offertorji, Introjti, Tantum Ergo, Salve Regina, Mutetti u mużika sagra oħra ta' kull tip li tintuża fil-jiem tal-festa. Ma nistgħux ma nsemmux almenu l-kappelli tas-Surmastrijiet Nani, Bugeja, Galea, Vella, Fenech, Camilleri u Vassallo fost oħrajn bħala eżempji mill-aqwa ta' kompożituri ta' din l-epoka. Il-knejjes parrokjali tagħna huma mogħnija b'arkivji mużikali estensivi ta' dawn is-surmastrijiet.

L-orkestrazzjoni kienet ġeneralment tkun waħda għal orkestra sħiħa iżda l-orkestra attwalment li tintuża tkun ħafna drabi ftit iżgħar għal raġunijiet ta' spejjeż u spazju. L-orkestra ġeneralment titqiegħed fuq il-kor fejn ikun hemm l-orgni, jew inkella wara l-altar maġġur jew f'xi kappellun tal-ġenb. Iżda dejjem tkun mimlija biżżejjed biex tagħti l-isfumaturi tal-kulur orkestrali maħsuba mill-kompożitur fl-ispartit oriġinali. Orkestra relattivament żgħira xorta jkun fiha l-korda sħiħa, l-injam kollu u anke r-ram. Fejn il-post jippermetti, l-orkestrazzjoni ġieli tinkludi wkoll xi par timpani, xi katuba u l-platti.

Il-kor kien ikun magħmul minn irġiel biss, bl-abbatini (*voci bianche*) ikantaw in-noti għoljin li normalment ikantawhom kantanti nisa. Dan kien isir skont il-Motu Propio ta' Piju X tal-1903 dwar il-Mużika Sagra. Iżda għall-kuntrarju ta' x'jirrakkomanda l-istess Motu Propio, il-biċċiet kienu jkunu fuq stil operistiku tat-tip tal-*Bel Canto*, tant maħbub minn missirijietna li kienu jiffrekwentaw it-Teatru Rjal u orkestrati għal orkestra kbira. Il-kwalità, il-qawwa u l-kapaċità għall-espressjoni fil-vuċi tas-solist kien ikun il-kejl ta' kemm ikun tajjeb jew le il-kantant. Xejn ma kien ikun aktar apprezzat minn xi *portamento* sensittiv tat-Tenur solist fuq l-istil ta' kant l-aktar assoċjat ma' Beniamino Gigli jew xi nota baxxa profonda li Baxx ta' stoffa biss kien ikun jista' jilħaq.

Il-mużika nnifisha kienet tkun korali għall-tlieta jew erba vuċijiet u kien ikun fiha kemm solijiet, kif ukoll dwetti jew okkażjonalment terzetti bejn is-solisti biex jagħtu l-kulur. Il-kulur kien joħroġ ukoll bl-użu mirqum tal-kontrapunt bejn is-solisti bejniethom jew bejn is-solisti u l-kor kif ukoll bl-użu ta' armonija klassika u orkestrazzjoni drammatika. Illum il-partijiet tal-*Voci Bianche* qed isiru min-nisa li wkoll qed jinagħtaw xi solijiet addattati li qabel kienu ġeneralment isiru mit-Tenur. Kompożituri moderni iżda qed jiktbu wkoll mużika sagra speċifikament biex titkanta minn vuċijiet femminili.

Dan kollu mhux eżattament skont il-Motu Proprio ta' Piju X iżda din it-tradizzjoni mużikali għadha ħajja u donnha ma jidhirx li ser tbatti almenu fiż-żmien qarib. Qisu li għall-Maltin, l-ispirtu tat-Teatru Rjal mexa mit-tiġrif tal-gwerra u ser jibqa' jgħix fil-knejjes parrokkjali tagħna nhar il-festa.

**<u>It-Tiżjin tat-Toroq</u>**

Milli jidher, ftit li xejn kien isir tiżjin organiżżat, barra minn xi okkażjoni speċjali bħal meta l-Gran Mastru kien iżur xi belt jew raħal nhar il-festa. Dak inhar kien isir ark trijonfali, imqar bil-weraq tas-siġar midmum jew imxeblek mal-injam jew qasab bħal kannizzata. F'nofs l-ark kien ikun hemm dejjem l-arma tal-Gran Mastru pinġuta fuq l-injam u mal-ġnub kien ikun hemm ukoll il-bandieri tal-kavallieri.

Għal dawn l-okkazjonijiet kienu jsiru festi kbar u l-parroċċi kienu jisselfu pultruna u tapit sabiħ minn San Ġwann jew minn xi knisja oħra li jafu kif imur, biex il-Gran Mastru kien isib kollox kif jixraqlu.

Wara li telqu l-Kavallieri, id-drawwa tal-ark trijonfali, pavaljuni u bandalori bi kliem ta' tifħir u simboli u armi, baqgħet, imma issa bdiet tiġi applikata għall-okkażżjoni tal-festa tal-ibliet u rħula. Saħansitra l-istess simboli tal-Ordni ta' San Ġwann għadna naraw s'issa fi kliem miktub fuq l-pavaljuni tal-festi għalkemm mhux daqs kemm kienu isiru fl-imgħoddi. Fadal ukoll xi ftit arki trijonfali. L-arki trijonfali li għadhom jintramaw fil-festa ta' Korpus ir-Rabat u ta' San Publiju l-Furjana, huma eżempji ta' dan.

## **Trofej**

L-Ordni ta' San Ġwann kienet forza navali u minbarra t-telfiet li ma tantx jissemmew kellha ħafna aktar rebħiet. Bħalma kien isir minn forzi oħra, meta kien jasal lura Malta xi galjozz rebbieħ fuq l-għadu, kienu jniżżlu l-art s-simboli tar-rebħa, li wara kollox kienu l-oġġetti maqbudin jew kif dejjem jissejħu t-trofej. Dawn kienu jikkkonsistu fi bnadar Torok, kanuni, lanez u diversi armi oħra, xhieda tar-rebħa miksuba.

Meta wieħed iħares lejn xi skultura simbolika ta' żmien il-Kavallieri, fosthom dawk li nsibu fil-Konkatidral ta' San Ġwann, wieħed jara bnadar u lanez irranġati forma ta' mrewħa bħala sinjal tar-rebħa.

Fil-Festi tagħna għadna naraw din l-influenza tal-Urdni fit-trofej armati fit-toroq u qrib l-knejjes. Fihom kważi dejjem nsibu l-bandiera ħamra bis-salib abjad tal-ordni, anki jekk ir-raħal ma kellux x'jaqsam direttament mal-Assedju l-Kbir. Ma' dawn żdiedu bnadar li jirrappreżentaw li-qaddis u r-raħal u l-belt, flimkien ma' dik tal-Papa. Jekk wieħed iħares sew bosta mill-bnadar tat-trofej għandhom il-lasti forma ta' lanez li huma iktar simboliċi fit-trofej tar-rebħiet militari u navali.

## Il-Liedna

Għadna nisimgħu din l-kelma, imma użata għal ħaġa differenti milli kienet fl-imgħoddi. Il-liedna kienet pjanta jew siġra li tixxeblek biex tikber. Fl-antik kienu jaqtgħu fergħat twal minnha, u dawn kienu jużawhom mifruxin ma' xi ħxejjex oħrajn fil-paviment tal-knisja, kif kienet għadha l-użanza sa ftit wara l-gwerra f'xi rħula.

Dażżmien għadna nifirxu fjuri u weraq fit-toroq tagħna, imma iktar risevati għall-purċissjonijiet ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù fejn jinħareg is-Sagrament. F'dawn il-purċissjonijiet f'xi nħawi għadna naraw t-tradizzjoni l-antika li joħorġu l-qsari barra fuq il-bankina, minn fejn tgħaddi l-purċissjoni.

Il-liedna kienu bdew iżejnu biha fit-toroq ta' qrib il-knejjes matul il-ġranet tal-festa. Il-weraq tal-liedna fuq zkuk irqaq u twal, kienu dekorattivi u reżistenti, għalhekk addattati għat-tiżjin.

Bejn iż-żewġ gwerer f'bosta festi f'Malta bdew jużaw biċċiet tal-karti tat-tajr, marbutin serbut fuq l-ispag biex iżejnu. Dawn bdew isiru ta' diversi lwien u bdew jidhru iktar sbieħ, għax ma baqgħux ikunu tal-lewn aħdar biss kif kien isir bil-liedna oriġinali. Illum dawn saru jsiru tal-plastic għax iktar reżistenti u jistgħu jerġgħu jintużaw sena wara l-oħra. Għalkemm mhumiex bħal dawk oriġinali xorta baqgħu jissejħu liedna.

## L-Istatwa ta' Malta Rebbieħa

Biex inkomplu naraw iktar l-influenzi tal-Kavallieri fl-armar u t-tiżjin tal-festi tagħna, nħarsu lejn l-istatwa ta' Malta Rebbieħa. Simbolikament tidher għamla ta' mara liebsa l-abjad u aħmar, armata b' korazza, xabla u tarka, jew b'xi oħrajn iġorrru bnadar tal-Ordni jew t-tmun tal-bastiment Tork taħt saqajha. F'xi statwi nsibu ukoll bnadar u kanuni Torok taħt saqajha, b'sinjal tar-rebħa tal-Assedju l-Kbir.

F'ċerti festi Malta Rebbieħa tispikka iktar, bħal ma naraw fil-festa tal-Bambina jew tal-Vitorja li jarmaw fl-Isla u n-Naxxar. Fil-Birgu hemm waħda armata permanenti fil-pjazza.

**L-Illuminazjonijiet**

Naturalment qabel ma daħal l-eletriku f'Malta, il-ħajja tal-poplu Malti kienet mod ieħor minn dik kif nafuha illum. Bil-lejl kien kollox mudlam, u biex wieħed jara fid-djar kienu jixelu l-musbieħ tal-fuħħar. Fit-toroq kienu jixgħelu l-fanali, li kienu jkunu mwaħlin mal-ħitan tad-djar. Għalhekk fil-festi ma kienux jeżistu l-festuni fit-toroq bħalma naraw illum.

Minflokk il-festuni kienu jixgħelu il-bjut tad-djar u kienu jsejjħulhom mixgħela. Dawn il-mixgħela kienu jsiru bil-fjakkli tan-nar, li kienu jikkonsistu fi skutelli tal-fuħħar mimlijin biż-żift, xaħmijiet jew żjut u l-ftila fihom. Naturalment dawn ġieli kienu jintfew mill-ewwel speċjalment meta kien ikun ir-riħ.

Tip ieħor ta' illuminazzjoni kienu jkunu t-torċi għal briju u biex idawlu l-misraħ tal-knisja waqt id-dħul tal-purċissjoni, meta l-purċissjoni bdiet issir filgħaxija. Dawn it-torċi kienu jkunu sempliċiment ħatab jew injam imċappas biż-żift jew żejt. F'dokumenti antiki fost l-ispejjeż tal-festa, insibu mniżżel li ntefqu xi skud jew anqas għall-ħatab u ż-żift.

Fil-pjazez ta' quddiem il-knejjes parrokjali kienu jqabbdu xi ħuġġieġa biex tkompli iżżid mal-ispettaklu, speċjalment fi żmien il-faqar. Ħdejn dawn il-ħġejjeġ kienu fl-aħħar jiltaqgħu id-daqqaqa bil-mużika tagħhom.

Insibu, per eżempju, li skont xi kontijiet tal-festa tal-Lunzjata, f'Ħal Tarxien, bejn l-1760 u l-1762, għal mixegħla kienu xtraw ħames platti kbar li fihom aktarx kienu ħarqu kwantità ta' njam. Barra minn dawn kellhom xi lampjuni mixgħula biż-żejt.

**Is-Sunetti**

Din id-drawwa hija antika ħafna, u ħafna jaħsbu li aktarx ġejja minn żmien il-Kavallieri, li f'okkażjonijiet speċjali kienu jinqraw kliem jew versi ta' tifħir jew ta' merħba lill-Gran Mastru, l-Isqof jew l-Inkwiżitur u l-kbarat oħra f'xi ċerimonja, jew festa. U aktar tard beda jsir l-istess lill-Gvernaturi u personaġġi rjali li jżuruna.

Għall-ħabta tat-tieni nofs tas-seklu dsatax, kienet daħlet id-drawwa li jistampaw sunetti għal okkażjonijiet speċjali bħal festi. Dawn kien ikun fihom poeżiji qosra, ta' erbgħatax il-vers (għalhekk "sunetti" – forma partikolari ta' poeżija). Dawn kienu jitwaddbu mill-kampnari għan-nies li jkunu miġbura fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokjali.

Iktar tard din id-drawwa bdiet tinqata' sakem inqatgħet għal kollox, u minflokk dan it-tip ta' sunetti, bdew jitwaddbu biċċiet tal-karti irqaq. Dawn ukoll bdew jissejħu sunetti u din id-drawwa baqet sal-ġurnata tal-llum. Xi wħud mill Prokuraturi tal-festi ma tantx jieħdu pjaċir bihom għax jgħidu li jgħamlu ħsara l-vari.

Imma it-tfal kienu jibdew iġemmaw il-karti minn xhur qabel il-festa u wara li kienu jqattawhom biċċiet żagħar, kienu jerfawhom f'xi xkora, u meta tasal il-festa erħilhom iwaddbu s-sunetti, fuq l-istatwa jew fuq il-banda. U povru l-bandist li kien idoqq il-bumbardun għax l-istrument tiegħu kien jisfa' l-mira naturali ta' tfal entużjażmati jitfgħu dawn is-sunetti minn xi gallarija ta' nannithom.

**<u>Il-Logħob tan-Nar</u>**

Illum kważi kull festa, anki dawk sekondarji, għandhom xi ftit jew wisq il-logħob tan-nar. Iżda fil-bidu ta' dawn il-festi titulari, ma kienx jeżisti logħob tan-nar.

Ħafna jaħsbu li din id-drawwa oriġinat minn żmien il-Kavallieri, peress li meta kien jiġi xi ħadd importanti f'dak iż-żmien, kienu jatuħ is-salut billi jisparaw balal bil-kanuni biex iselmulu. Minbarra l-kanuni, f'xi okkażjonijiet kienu jisparaw il-musketterija magħmula mit-tiri tal-ixkubetti li kompla u baqa' jsir sal-ġurnata tal-lum mill-armata.

Imma l-Maltin kienu bdew sistema oħra ta' musketterija, u din kienet b'l-użu tal-maskli. Dawn il-maskli kienu blokki tawwalin tal-ħadid b'toqba fin-nofs għall-porvli, u oħra rqiqa tinfed mill-ġenb għall-miċċa. Fil-festi kienu jqabbdu kuntrattur jipprovdilhom u jarmalhom fl-art qrib il-knisja jew xi post ieħor minn fejn tgħaddi l-vara. Dan kien jibgħat raġel filgħodu kmieni, jimlihom, iqegħedhom ħdejn xulxin, jgħaddi serbut trab tal-porvli minn magħhom biex meta jqabbadhom jisparaw wieħed wieħed qishom musketterija. Dan kien l-ewwel tip ta' logħob tan-nar tal-ħoss fil-festi.

Imma fi żmien l-Ordni ġa kien ikun hemm logħob tan-nar tal-ajru. Kien jintuża f'ċelebrazzjonijiet meta jitwieled xi ħadd fil-familji rjali ħbieb tal-Ordni u f'okkażjonijiet lokali, imma l-poplu ġenerali ma kellux x'jaqsam, ħlief li jara dak li jsir madwaru.

L-ewwel kitba dokumentata li nsibu fuq ħruq ta' logħob tan-nar fil-festi hi dik miktuba fuq il-festa ta' Sant'Elena f'Birkirkara tal-1728, fejn fir-rendikont finanzjarju jissemmew l-ispejjeż għall-porvli biex isiru l-isparaturi. Ħdejn in-nar li jsir illum, dan kien xi ħaġa żgħira, għax kienu jixtru bejn erba' u sebat irtal. Kienu msemmija wkoll l-ispejjeż għall-ispag u għall-karta, li dak iż-żmien ma kinitx xi materjal komuni bħalma hi illum.

Fi żmien l-Ingliżi il-logħob tan-nar kien aktar frekwenti. Ġieli nġieb xi kuntrattur minn barra minn Malta, iżda maż-żmien l-Maltin bdew imiddu jdejhom huma stess. Għall-ewwel kienu iktar jaħdmu fuq musketteriji u murtali ta' diversi tipi, imma wara l-gwerra beda jinħadem ħafna iktar minn dak tal-art imlewwen. Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin l-festi ħadu pass kbir 'il quddiem fl-iżvilupp tagħhom, u bdew jiffurmaw għaqdiet biex jieħdu ħsieb in-nar li kieniu jaraw li jkollhom il-kamra tan-nar tagħhom u jaħdmu tul s-sena kollha. Dan wassal biex fil-ġimgħa tal-festa jsiru wirjiet meraviljużi ta' logħob tan-nar, li jilħaq l-kulmini tiegħu lejlet l-festa fejn ssir il-ħarqa prinċipali fejn d-dilettanti tan-nar jaħarqu x-xogħol li jkunu ħadmu matul s-sena. F'xi postijiet, dawn saru jiġu mżewqin ukoll mal-mużika u dwal, biex joħolqu spettaklu grandjuż awdjoviżiv.

Sfortunatament sikwit nisimgħu b'diversi inċidenti fejn diversi nies ħallew ħajjithom jew spiċċaw b'diżabilita permanenti wara li taru xi kmamar tan-nar. B'iktar sikkatura fir-regolamenti ta' min jaħdem n-nar nistgħu nkomplu ngawdu dan l-aspett ferm sabiħ fil-festa Maltija, mingħajr inċidenti gravi u mwiet.

## **Il-Ġostra**

Tista tgħid li kważi fil-festi tal-ibliet u l-irħula kollha fejn hemm il-baħar kienet issir il-ġostra. Kienu jwaħħlu arblu mimdud max-xatt għal fuq il-baħar. Kienu jdelkuh bix-xaħam it-tul tiegħu kollu u fit-tarf tiegħu, li kien ikun fuq il-baħar, kienu jorbtu xi

ħaġa tal-ikel. Min kien jirnexxielu jasal sat-tarf u jħoll l-irbit tal-pakkett b'l-ikel, kien jirbaħ dak il-premju.

Ħafna miż-żagħżagħ kien l-ors taħhom jippruvaw jieħdu dak il-pakkett. Fuq ix-xatt, kienu jinġabru ruxmata nies jidħqu bix-xabbaturi li kważi kollha jispiċċaw jiżolqu fil-baħar.

**It-tigrijiet tal-bhejjem jew dagħajjes**

F' ħafna mill-irħula kienu jorganiżżaw it-tiġrijiet tal-bhejjem bħala parti mill-attivitajiet ta' barra tal-festi titulari. Fil-bliet u rħula fejn hemm il-baħar kienu jiġu organizzati tiġrijiet tad-dgħajjes, bħal ma kien isir f'l-Isla u fil-Birgu. Tal-Isla għada ssir sal-lum u hija it-tiġrija Nazzjonali tad-dagħajjes magħrufa bħala r-Regatta.

**L-Ikla Ta' Jum Il-Festa**

Minkejja l-guħ u l-faqar li kien hawn, fil-jum tal-festa tal-ibliet u rħula tagħna, il-familji Maltin kienu jagħmlu ikla speċjali f'nofs inhar u ġieli kienu jistiednu xi nies familjari taħhom minn xi bliet u rħula oħra biex imorru jieklu maħhom. L-iktar ikla favorita kienet tkun patata l-forn.

Filgħaxija ġieli kienu jistiednu lill-ħbieb u l-qraba fid-djar taħhom għall-grokk, ħaġa li għada ssir sal-ġurnata tal-llum. Din it-tradizzjoni tista' tkun ġejja minn drawwa fl-antik fejn ir-retturi tal-knejjes kienu jkunu marbutin b'xi legat li jagħtu l-ikel lill-fqar fil-ġurnata tal-festa. Il-mistieden għall-ikel nhar il-festa għalhekk jista' jkun li għandu għeruq aktar fil-fond milli wieħed jaħseb fit-tradizzjoni Maltija.

L-għada tal-festa, bosta familji kien jibqgħalhom ħafna ikel, u minflok kienu jieklu ħ d-dar, ħafna minnhom kienu jikru xi karozzin u jerħula lejn l-Buskett jew lejn il-baħar. Hemm kienu jgħaddu l-jum kollu jiddevertu u jieklu. L-iskola tal-gvern tar-raħal l-għada tal-festa ma kinitx tiftaħ, għalkemm mhux b'mod uffiċjali, iżda għax it-tfal kienu jmorru x-xalata mal-familja.